



Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1297/2014 tal-5 ta' Diċembru 2014 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet <sup>(1)</sup> .....** 1
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1298/2014 tal-5 ta' Diċembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex .....
 4

### DEĊIŻIONIJET

2014/876/EU:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2014/005 FR/GDA, ippreżentata minn Franza)** 7

2014/877/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni FEG/2014/007 IE/Andersen Ireland, mill-Irlanda)** 9

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

2014/878/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2014/008 FI/STX Rauma, mill-Finlandja) ..... 11

2014/879/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni FEG/2014/009 EL/Sprider Stores, mill-Greċja) ..... 13

---

## Rettifika

- ★ Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, 6.3.2014) ..... 15
- ★ Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, 6.3.2014) ..... 15

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1297/2014

tal-5 ta' Diċembru 2014

**li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ (imballaġġar) tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jarmonizza l-kriterji għall-klassifikazzjoni u r-regoli dwar l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi. Jistipula obbligu għall-fornituri biex jittikkettaw u jimballow (jimballaġġaw) sustanzi u taħlitiet klassifikati bħala perikolużi skont dak ir-Regolament qabel iqegħduhom fis-suq. Ir-Regolament jipprevedi regoli biex jiġi evitat esponiment aċċidentali għal kimiċi perikolużi fornuti lill-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari tfal żgħar, u l-avvenement tal-konsumaturi b'dawn il-kimiċi.
- (2) Fis-suq tal-Istati Membri qed jitqiegħdu diterġenti likwidi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi f'imballaġġ b'użu uniku li jinħall, u fl-Unjoni s-sehem mis-suq ta' dan il-prodott qed jiżdied. Id-dispożizzjonijiet eżistenti għal imballaġġ b'użu uniku li jinħall u li fih sustanzi kimiċi perikolużi ma jipprovdux biżżejjed protezzjoni. Għalhekk huwa ġustifikat approċċ aktar effiċjenti u uniformi sabiex jiżgura protezzjoni aħjar għall-pubbliku ġenerali u b'mod speċjali għat-tfal żgħar u gruppi vulnerabbli oħra filwaqt li tinżamm iċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti kimiċi li jinsabu f'imballaġġ li jinħall.
- (3) Ġew rappurtati għadd sinifikanti ta' inċidenti ta' avvenement serju u ħsara lill-ġhajnejn, li jinvolvu tfal, minn Ċentri tal-Avvenement f'diversi Stati Membri fir-rigward ta' diterġenti likwidi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi f'imballaġġ b'użu uniku li jinħall, b'rata oġhla ta' inċidenti meta mqabbel ma' diterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi f'sistemi oħra ta' imballaġġ.
- (4) Għalkemm kampanji ta' informazzjoni fxi Stati Membri urew li dawn il-prodotti għandhom xi effetti pożittivi, huwa meħtieġ li jiġu prodotti b'tali mod li ma jibqgħux daqshekk attraenti għat-tfal żgħar u li biex dawn jiġu protetti, il-prodott jiġi manifatturat b'tali mod li ma jkunx faċli daqshekk għalihom li jarawh billi jintuża imballaġġ estern opak, billi jiġi inkluż aġent avversiv (bħal aġent li jagħti togħma morra) fl-imballaġġ li jinħall biex malli tmissu ma' ħalqek titqażżeż, kif ukoll billi ma jibqax daqshekk aċċessibbli għalihom. Fuq it-tikketta fuq l-imballaġġ estern tad-diterġenti likwidi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi f'imballaġġ b'użu uniku li jinħall għandha tiġi inkluż u enfasizzata informazzjoni supplimentari.
- (5) Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi gravi ta' inċidenti relatati ma' dawn il-prodotti, filwaqt li jitqies iż-żmien minimu meħtieġ mill-operaturi ekonomiċi sabiex jadattaw għar-regoli l-ġodda, għandu jingħata perjodu tranzi-torju adegwat.

<sup>(1)</sup> ĠUL 353, 31.12.2008, p. 1.

- (6) Ir-rikors għall-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 54(4) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa ġustifikat.
- (7) Se jitwettqu aktar studji rilevanti mingħajr dewmien żejjed dwar inċidenti rilevanti u se jitqiesu miżuri ulterjuri, inkluż it-twessigħ tal-ambitu tar-regoli għal prodotti tal-konsumatur oħra li jitqiegħdu f'imballaġġ li jnhall u r-reviżjoni tar-regoli proposti.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilita skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2), tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Meta diterġent likwidu tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi, kif definit fl-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(\*)</sup>, jitpoġġa f'imballaġġ b'użu uniku li jnhall, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti addizzjonali tat-Taqsima 3.3 tal-Anness II.

<sup>(\*)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1).”

- (2) L-Anness II hu emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

1. B'deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3, is-sustanzi soġġetti għall-Artikolu 1, ikklassifikati, ittikkettati u mballati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2015, ma għandhomx jergġu jiġu ttikkettati u mballati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, kif emendat permezz ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2015.

2. B'deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3, it-taħlitiet soġġetti għall-Artikolu 1, ikklassifikati, ittikkettati u mballati skont id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> jew ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2015, mhumiex meħtieġa li jergġu jiġu ttikkettati u mballati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat permezz ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2015.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Jibda japplika mill-1 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li ttrigwardja l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi (ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1).

## ANNEX

Fil-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tizzied it-Taqsima 3.3 li ġejja:

**“3.3 Diterġenti likwidi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi f'imballaġġ b'użu uniku li jinħall**

Fejn diterġent likwidu tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi f'dożi b'użu uniku jitpoġġa f'imballaġġ li jinħall, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

- 3.3.1. Diterġenti likwidi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi li jinsabu f'imballaġġ b'użu uniku li jinħall għandhom jitpoġġew f'imballaġġ estern. L-imballaġġ estern għandu jissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsima 3.3.2. u l-imballaġġ li jinħall għandu jissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsima 3.3.3.
- 3.3.2. L-imballaġġ estern għandu:
- (i) jkun opak jew oskur b'tali mod li jimpedixxi l-viżibbiltà tal-prodott jew id-dożi individwali;
  - (ii) mingħajr ħsara għall-Artikolu 32(3), jkollu d-dikjarazzjoni ta' prekawzjoni P102 'Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilhqquh it-tfal' f'post fejn tidher u f'format li jiġbed l-attenzjoni;
  - (iii) ikun kontenitur awtonomu u li jista' jerġa' jingħalaq faċilment;
  - (iv) mingħajr ħsara għar-rekwiżiti tat-Taqsima 3.1, ikun mġhammar b'għeluq li:
    - (a) ma jħallix it-tfal żgħar jiftħu l-imballaġġ għaliex biex jinfetħu ikun jeħtieġ l-azzjoni koordinata t'idej-hom it-tnejn u ċertu saħħa u b'hekk jagħmilha diffiċli għalihom biex jiftħu l-prodott;
    - (b) isostni l-funzjonalità tiegħu taħt kundizzjonijiet ta' ftuħ u għeluq kontinwu għall-ħajja kollha tal-imballaġġ estern.
- 3.3.3. L-imballaġġ li jinħall għandu:
- (i) jinkludi aġent avversiv f'konċentrazzjoni sigura u li f'każ ta' espożizzjoni orali aċċidentali jqanqal imġiba orali diżgustanti f'perjodu mhux itwal minn 6 sekondi;
  - (ii) iżomm il-kontenut ta' likwidu tiegħu għal mill-inqas 30 sekonda meta l-imballaġġ li jinħall jitqiegħed f'ilma b'temperatura ta' 20 °C;
  - (iii) jifflaħ għall-qawwa kompressiva mekkanika ta' mill-inqas 300 N f'kundizzjonijiet ta' ttestjar standard.”
-

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1298/2014****tal-5 ta' Diċembru 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	54,4
	IL	114,8
	MA	87,8
	TR	94,2
	ZZ	87,8
0707 00 05	AL	53,8
	JO	258,6
	MA	164,1
	TR	137,9
	ZZ	153,6
0709 93 10	MA	73,2
	TR	132,9
	ZZ	103,1
0805 10 20	AR	35,3
	SZ	34,3
	TR	47,9
	UY	32,9
	ZA	54,8
	ZW	33,1
	ZZ	39,7
	ZZ	39,7
0805 20 10	MA	73,2
	ZZ	73,2
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	113,8
	JM	168,3
	TR	75,9
	ZZ	119,3
0805 50 10	AL	64,4
	TR	74,5
	ZZ	69,5
0808 10 80	BA	32,4
	BR	54,6
	CA	135,6
	CL	76,1
	MK	38,0
	NZ	96,9
	US	93,0
	ZA	99,9
	ZZ	78,3
	ZZ	78,3

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0808 30 90	TR	174,9
	ZZ	174,9

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".



# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Novembru 2014

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2014/005 FR/GDA, ippreżentata minn Franza)**

(2014/876/EU)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit biex jipprovdi appoġġ lil ħaddiema li jingħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji b'riżultat tal-globalizzazzjoni, minħabba ssoġġar tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew <sup>(4)</sup>, jew minħabba kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida u biex jassistihom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xoġhol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) Fis-6 ta' Ġunju 2014 Franza ssoġġmettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji f'GAD société anonyme simplifiée fi Franza, u ssoġġmentatha b'informazzjoni addizzjonali kif previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti biex tiġi determinata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 918 000 għall-applikazzjoni mressqa minn Franza,

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>(2)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>(3)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠUL 167, 29.6.2009, p. 26.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 918 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburg, is-26 ta' Novembru 2014.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

---

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tas-26 ta' Novembru 2014**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni FEG/2014/007 IE/Andersen Ireland, mill-Irlanda)**

(2014/877/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kien stabbilit biex isostni lill-ħaddiema li jkunu nġhataw is-sensja u lil ħaddiema indipendenti li jkunu waqqfu l-attività ta' tagħhom b'konsegwenza ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'konsegwenza ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, jew b'konsegwenza ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jiġu megħjuna fl-integrazzjoni mill-ġdid ta' tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) Fis-16 ta' Meju 2014 l-Irlanda ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward ta' sensji f'Andersen Ireland Limited fl-Irlanda, u kkomplementatha b'informazzjoni addizzjonali kif previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti biex tiġi determinata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-Irlanda ddeċidiet li toffri servizzi personalizzati kofinanzjati mill-FEG anki lin-NEETs.
- (5) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex jagħti kontribuzzjoni finanzjarja f'ammont ta' EUR 1 501 200 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Irlanda,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni huwa mobilizzat biex jagħti s-somma ta' EUR 1 501 200 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 855.<sup>(2)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884.<sup>(3)</sup> ĠUC 373, 20.12.2013, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠUL 167, 29.6.2009, p. 26.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburg, is-26 ta' Novembru 2014.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

---

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tas-26 ta' Novembru 2014**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2014/008 FI/STX Rauma, mill-Finlandja)**

(2014/878/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit biex jipprovdi appoġġ lil ħaddiema li jingħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, minħabba ssoktar tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 <sup>(4)</sup>, jew minħabba kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida u biex jassistihom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (fi prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) Fis-27 ta' Mejju 2014 il-Finlandja sottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji f'STX Finland Oy f'Rauma, u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali kif previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti biex tiġi determinata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 1 426 800 għall-applikazzjoni sottomessa mill-Finlandja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 426 800 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 855.<sup>(2)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884.<sup>(3)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠUL 167, 29.6.2009, p. 26.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu, is-26 ta' Novembru 2014.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

---

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tas-26 ta' Novembru 2014****dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni FEG/2014/009 EL/Sprider Stores, mill-Greċja)**

(2014/879/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit biex jipprovdi appoġġ lil ħaddiema li jingħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, minħabba l-issoktar tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, jew minħabba kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida u biex jassistihom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG m'għandux jaqbeż ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (fi prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) Fis-6 ta' Ġunju 2014 il-Greċja sottomettiet l-applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji fi Sprider Stores S.A. fil-Greċja, u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali kif previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti biex tiġi determinata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1309/2013.
- (4) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, il-Greċja ddeċidiet li tipprovdi servizzi personalizzati kkofinanzjati mill-FEG lil zghażaġh li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) ukoll.
- (5) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 7 290 900 għall-applikazzjoni sottomessa mill-Greċja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 7 290 900 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 855.<sup>(2)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884.<sup>(3)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠUL 167, 29.6.2009, p. 26.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu, is-26 ta' Novembru 2014.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

---



## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 66 tas-6 ta' Marzu 2014)

Fil-paġni 7 u 8, l-Anness I, fir-raba' kolonna ("Dikjarazzjoni tar-raġunijiet"), l-entrata fil-linji 9 sa 18:

*minflok:* "Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina."

*aqra:* "Persuna soġġetta għal investigazzjoni fl-Ukraina dwar involviment f'reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina."

---

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 66 tas-6 ta' Marzu 2014)

Fil-paġni 29 u 30, l-Anness, fir-raba' kolonna ("Dikjarazzjoni tar-raġunijiet"), l-entrata fil-linji 9 sa 18:

*minflok:* "Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina."

*aqra:* "Persuna soġġetta għal investigazzjoni fl-Ukraina dwar involviment f'reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina."

---





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**